**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 4 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru: 183/2022 AGV**

**SF**
**Vs**
**JZ**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' SF , li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, twieldu l-minuri M Z nhar it-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (12/11/2016) u MT Z nhar il-hamsa ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (05/07/2019).

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat u effettivament ir-rikorrenti mill-ewwel hadet hsieb tipprocedi bi proceduri appoziti biex tirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri.

3. Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partijiet ippruvaw kemm-il darba jittransigu, madanakollu minhabba intransigenza da parti tal-konvenut, li spiss kien jaghzel li ma jattendix ghas-seduti ta' medjazzjoni u/jew jikkancella l-istess, qatt ma intlahaq ftehim.

4. Illi l-konvenut ma jridx jaccetta li l-partijiet infirdu u spiss jipprova juza' lill-minuri biex jirrikatta lir-rikorrenti, bhal meta wara li intbaghtet lilu ittra legali bi proposti ghall-ftehim bonarju, huwa zamm ghandu lill-minuri M u rrifjuta li jirritornaha lura ghand l-Omm, tant li kien hemm bzonn l-intervent tal-Qorti biex din giet irritornata lura ghand l-Omm bl-ghajnuna tal-marixxalli u l-pulizija.

5. Illi sussegwenti ghal dak ir-rikors, din il-Qorti anke tat smiegh lill-partijiet u ghalkemm fl-istess udjenza gew stradati diversi pendenzi bejn il-partijiet, il-konvenut baqa' jwebbes rasu, tant li llum qed jaghzel li ma jezercita ebda access ghaz-zewg ulied minuri, li fil-fatt ilhom ma jaraw lill-missierhom ghal xhur shah, filwaqt li huwa anke qed jirrifjuta li jivversa manteniment ghall-bzonnijiet taghhom, u anke f'dan ir-rigward hemm arretrati sostanzjali.

6. Illi minkejja li r-rikorrenti ippruvat kemm il-darba tikkomunika mieghu biex jaslu ghall-ftehim, ghall-ahjar gid tal-ulied, il-konvenut baqa' jirrifjuta u dan

oltre ghall-fatt li huwa spiss jhedded lill-esponenti, anke bil-mewt, u jmurilha wara l-bieb tad-dar jaghmel ix-xenati, tant li f'diversi okkazjonijiet hija kellha tirrikorri ghall-ghajnuna tal-pulizija.

7. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat it-tmienja ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (08/07/2022).

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri MZ u M T Z f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri jkomplu jirrisjedu maghha u d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat.

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full time*, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi *full time* b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu,

jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri M u MT. , ahwa Z, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.**

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

## FATTI

**Il-partijiet** kienu bdew johorgu flimkien xi ghaxar snin ilu u ftit wara kien mar ighix maghhom il-konvenut ghaliex ma tantx kellu relazzjoni tajba mal-familja tieghu. Ghalkemm kellu qalbu tajba ma kienx responsabbli ghal dak li jirrigwarda xoghol u familja.

Tghid li r-relazzjoni taghhom ma kinitx wahda facli peress li kienu jiggieldu hafna u kemm il-darba l-konvenut kien jitlaq. Sadanittant kienet harget tqila bit-tifla M u l-genituri taghha ghenuha sabiex tixtri post u kienu halsulha l-10% depositu biex setghet hadet *home loan.*

L-attrici tispjega li kienet tahdem hafna u kellha erba' impjiegi sabiex tlahhaq bl-ispejjes ghaliha u ghat-tifla u peress li l-konvenut kien idum biex jissettilja f'xoghol ma setghetx tistrieh fuqu. Meta kien jahdem kien jispicca jberbaq il-flus fuq karozzi, dghajjes u affarijiet ohra.

Kien biss fiz-zmien li l-konvenut beda jinsisti li ried tarbija, li beda juri naqra izjed interess fiha u fit-tifla u kien johroghom u jqatta' hin maghhom. Meta fl-ahhar cediet u nqabdet tqila, l-affarijiet regghu ddegeneraw ghaliex il-konvenut kien dejjem barra u hi kienet il-hin kollu d-dar. Ma kienx jissapporti lit-tifel jibki u kien jirrabbja ghax ikun irid jorqod.

Tispjega li kien jaghmel id-dejn bla ma jahsibhom u wara li welldet lil MT saret taf li kien xtara dghajsa li kienet tiswa €60, 000. Kienu spiccaw ihallsu €500 huma u €500 missieru fix-xahar biex jithallas id-dejn. Izda kienet hi li kienet baqghet tahdem u tistinka.

L-attrici ndunat li ghalkemm kienet qed taghmel hilitha sabiex izomm il-familja maghquda ma kienx qed jirnexxielha peress li t-tfal ma kinux qed jircievu l-imhabba li kien jisthoqqilhom.

L-attrici tispjega li kienet irceviet messagg minghand missier habiba ta' M li riedha tmur ghandhom biex it-tfal jilghabu, izda ma kinitx accettat. Dakinhar il-konvenut kien mar u ried jaralha l-mobile ghax beda jahseb hazin fiha. Dakinhar kien hebb ghaliha u kellhom jintervjenu l-familja taghha, izda ghazlet li ma taghmilx rapport.

Wara dan l-incident kienet talbitu sabiex jitlaq mid-dar u kien mar ighix fuq id-dghajsa. Tghid li dina kienet decizjoni difficli ghaliha ghax kienet thobbu. Bdiet bil-proceduri ta' separazzjoni u ghalkemm kien hemm digrieti sabiex il-

konvenut ihallas manteniment u jkollu access ghal uliedu, il-konvenut ma kienx isegwi dawn l-ordnijiet, tant li bilkemm jara lil MT. bl-iskuza li ghadu zghir.

Tispjega li lil M  jipprova jghawwiha kontriha, izda llum kibret u tinduna li mhux minnu dak li jghid il-konvenut.

Issemmi li sallum il-konvenut ghadu jaghmilha l-vendikazzjonijiet u anke issa li qed tkellem guvni iehor li juri hafna rispett lejha u lejn it-tfal.Ghalhekk qed titlob li jkollha protezzjoni minnu, kif ukoll il-manteniment jithallas direttament fil-kont taghha.

**Omm l-attrici** tikkonferma l-verzjoni attrici li kienu laqghu lill-konvenut gewwa darhom u kienu jittrattawh bhala wiehed minnhom. Tikkonferma ukoll li l-partijiet kien ikollhom hafna glied meta twieldet  M. Darba spiccat giet fl-idejn mal-konvenut u keccietu mid-dar taghhom u dan peress li kien ghamel xenata ghax kienu mietulu l-ghasafar u dan meta l-attrici kienet waslet fl-ahhar tat-tqala u ma kellhiex bzonn kedded.

Izid tghid li meta l-attrici marret tghix fl-appartament taghha, il-konvenut lanqas kien ihallihom jersqu lejn l-ghatba ‘l gewwa.

Tikkonferma ukoll il-verzjoni attrici fis-sens li l-konvenut kien persuna irresponsabbli u dan meta lanqas kien idum f’impjieg ghal tlett xhur shah. Kien xtara d-dghajsa biex jahdem biha u jekk kien jaqla’ lira kien jqatta’ l-bqija tal-hin rieqed minflok jistinka.

Minhabba f'hekk l-attrici kellha tahdem hafna u kien hemm zmien fejn kellha erba' impjiegi u huma kienu jghinuha bit-tfal ghax il-konvenut qatt ma kien hemm ghalihom.

Tikkonferma li kienet sellfitu €3000 sabiex jixtri freezer u ghalkemm ghamlu karta bejniethom kien hallasha biss l-ewwel €500 u qatt ma hallas il-bilanc.

Tikkonferma l-verzjoni tal-attrici li prezentement il-konvenut qed jaghmilhom hafna vendikazzjonijiet.

**Saviour Theuma** kkonferma li l-attrici ilha tircievi l-beneficcji socjali sa mis-sena 2017.Tircievi ukoll childrens allowance ghal Miriana u Mattias.[1]

**Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment u registration history tal-partijiet.[2]

**Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Trasport Malta pprezenta informazzjoni dwar il-vetturi li kellhom u ghandhom il-partijiet. [3]

**PS 2002 u PS 2213** ipprezentaw rapporti li saru mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin.

**L-Assistent Registratur** ipprezenta informazzjoni dwar kawzi  li kien hemm fil-konfront tal-konvenut. [4]

---

[1] Doks. ST 1 – ST 2
[2] Doks. LB 1 – LB 2
[3] Doks. SC1 – SC 3
[4] Dok. SCT 1

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Kura u Kustodja**

Il-kontendenti ghandhom zewgt itfal M u MT, it-tnejn minorenni. Dina l-Qorti tirrileva li tul il-proceduri, il-konvenut dejjem wera nuqqas ta' kooperazzjoni sa minn meta l -attrici fethet il-proceduri ta' medjazzjoni. Spiss ma kienx jattendi ghas-seduti jew addiritura jikkancella, tant li ma ntlahaqx ftehim. Inoltre, ghall-prezenti kawza, minkejja li gie debitament notifikat, il-konvenut baqa' kontumaci.

L-attrici kkonfermat li ghalkemm kien hemm zmien fejn il-konvenut kien qed jiltaqa' mal-minuri M kien jipprova jghawwiha kontriha u l-familja taghha u tigi lura d-dar irrabbjata. Omm l-attrici ukoll ikkonfermat li jkollha tiehu pacenzja sabiex it-tifla tikkalma u toqghod maghha, minhabba li l-konvenut kien ighidilha li ma kinitx nannitha.

Dwar MT , jirrizulta li ma tezisti ebda relazzjoni ghaliex il-konvenut dejjem kien isib skuza li ghadu zghir u qatt ma kien jiehdu mieghu.

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut qed ikun vendikattiv mal-attrici u kien hemm episodji fejn ghax irraportatu talli ma hallasx manteniment kissrilha l-karozza. Hemm ir-ritratti u r-rapporti li gew intavolati mill-attrici in sostenn ta' dan. [5]

Fil-mori tal-proceduri, l-attrici pprezentat rikors fil-11 ta' Jannar, 2023 fejn indikat diversi incidenti ta' theddid li sehhew fil-konfront taghha u anke pprezentat recordings tal-istess theddid. In segwitu ghal dan , il-Qorti fl-istess

[5] Dok. SF 1

gurnata akkordatilha l-kura u kustodja tal-minuri, kif ukoll kwalsiasi decizjonijiet importanti, kif ukoll dawk relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-attrici wahedha. Il-Qorti ukoll harget ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-decizjonijiet taghha rigward il-kura u kustodja, dina l-Qorti dejjem ghandha tiehu in konsiderazzjoni dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri u mill-assjem tal-provi, jirrizulta soddisfacentement ippruvat li l-kura u kustodja ghandha tibqa' esklussiva ghall-attrici, filwaqt kwalsiasi decizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, inkluz decizjonijiet fuq is-sahha u edukazzjoni tat-tfal ghandhom jittiehdu mill-attrici wahedha.

Kwalsiasi decizjoni rigward safar ghandha tittiehed mill-attrici u l-istess attrici ghandha zzomm il-passaport tal-minuri.

**<u>Manteniment</u>**

L-attrici tilmenta li minn dejjem kien hemm problemi sabiex il-konvenut ihallas manteniment. Minkejja li saret referenza ghall-hlas ta' manteniment, l-attrici ma pproduciet ebda provi dwar xi digriet li setghet tat dina l-Qorti f'dan is-sens.

Ghalhekk il-Qorti trid tikkwantifika l-manteniment ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kodici Civili u tiddetermina l-Artikolu 20 tal-Kodici Civili l-manteniment ghall-minuri jikkontempla l-mod kif ghandu jigi kkalkolat il-manteniment u primarjament isir fuq bazi ta' proporzjonalita' ***"il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih."***

Mill-provi jirrizulta li l-attrici tahdem bhala part-time hairdresser, kif ukoll bhala carer full-time ma' Care Residence Operations Ltd. [6] Mentri jirrizulta li llum anke l-konvenut jidher li ghandu zewg impjiegi, wiehed ta' construction finishing bhala sid u jahdem part-time self-employed, filwaqt full-time jahdem ma' MD bhala driver.

L-attrici ma ressqitx provi dwar l-introjtu tal-konvenut kemm mill-impjieg tieghu part-time fejn setghet ukoll talbet l-prospetti tal-income tax kif ukoll mix-xoghol tieghu full-time fejn setghet talbet l-FS 3's.

L-attrici ukoll naqset li tipproduci provi dwar l-ispejjez li ghandha sabiex trabbi lil uliedha. Il-Qorti tirrileva li l-provi ghalhekk f'dan is-sens huma fjakki u ghalhekk ser tapplika l-minimu possibbli bhala manteniment dovut mill-konvenut ghat-tfal minuri u cioe' s-somma ta' €250 ghal kull wild rispettivament li ghandhom jithallsu kull xahar. Dan jinkludi nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni bhala sehem il-konvenut tal-istess. Il-Qorti tifhem u tapprezza li l-attrici qed taghmel kollox wehidha fit-trobbija tal-minuri, u n-nuqqas ta' presenza tal-konvenut f'dawn il-proceduri hija indikattiva wkoll, izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-attrici setghet resqet provi ohra in sostenn tat-talbiet taghha.

Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jaghlqu tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom full-time.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

---

[6] Dok. LB 1 a fol. 23

L-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha ghandhom jinqasmu bin-nofs, filwaqt li c-childrens allowance ghandu jibqa' jigi ippercepit mill-attrici.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi t-tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u skond kif imfisser iktar 'l fuq.

Tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri MZ u MT Z f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri jkomplu jirrisjedu maghha u d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat.

Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €250 fix-xahar ghal kull wild, u dan sakemm l-istess jghalqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi *full time,* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi *full time* b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

Tawtorizza lill-attrici tiehu d-decizjonijiet kollha li jikkoncernaw lill-minuri M u MT , ahwa Z, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**